# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 12 ta' Dicembru 2019**

**Kawza Numru: 7**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 468/2019 JVC**

**Antoinette Mulholland**

**vs.**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti Antoinette Mulholland kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. Illi hija twieldet fil-21 ta' Awwissu 1960 fl-Imtarfa, Malta u giet registrata bl-isem "Antoinette Mulholland" (vide certifikat tat-twelid anness bhala Dok A);

2. Illi fil-31 ta' Mejju 1980 l-esponenti izzewget lil Paul David Hulatt, cittadin tar-Renju Unit, gewwa Malta (vide certifikat taz-zwieg anness bhala Dok B);

3. Illi l-esponenti kisbet il-hall taz-zwieg minn mal-imsemmi Paul David Hulatt permezz ta' digriet *Nisi Absolute* moghti minn Northampton Country Court fit-2 ta' Dicembru 1996 (anness bhala Dok C);

4. Illi kif huwa evidenti, fl-imsemmi digriet ma hemm l-ebda provvediment dwar ir-reverzjoni *o meno* tal-esponenti ghal kunjomha ta' xebba. Konformament mal-proceduri applikabbli fir-Renju Unit, hija indirizzat il-kwistjoni tal-kunjom permezz ta' *deed poll*;

5. Illi fil-hajja personali u ta' kuljum taghha, l-esponenti hija maghrufa bl-isem "Antoinette Mulholland" izda mhux bl-isem "Antoinette Hulatt" u dan kif ser jirrizulta ampjament waqt is-smiegh tal-kawza;

6. Illi di piu`, id-dokumenti ufficjali, registrazzjonijiet u korrispondenza ufficjali kollha taghha gewwa r-Renju Unit u anke` uhud f'Malta jirriflettu l-isem "Antoinette Mulholland". Fost dawn hemm kontijiet bankarji ma APS Bank Malta Limited (Dok D); P60 End of Year Certificates ghal diversi snin (Dok E); diversi *payslips* mahruga mis-servizz pubbliku tar-Renju Unit f'diversi snin (Dok F); dokument ta' identifikazzjoni mahrug minn HM Revenue &

Customs (Dok G); *logbook* tal-vettura tal-esponenti mahrug mid-DVLA (Dok H) u licenzja tas-sewqan (Dok I);

7. Illi l-esponenti hija ukoll fil-pussess ta' Passaport Malti mahrug mid-Direttur intimat fil-15 ta' Frar 2010 li fih l-isem tal-esponenti huwa dikjarat bhala "Antoinette Mulholland" (anness bhala Dok J);

8. Illi di piu`, f'dikjarazzjoni dwar ic-cittadinanza tal-esponenti rilaxxjata mid-Direttur tac-Cittadinanza fit-30 ta' Gunju 2016, ir-referenza ghall-esponenti hija inekwivokabbilment bhala "Antoinette Mulholland" (anness bhala Dok K);

9. Illi minkejja li kif appena espost f'certi atti u dikjarazzjonijiet ufficjali id-Direttur jidher li accetta *de facto* l-bidla fil-kunjom tal-esponenti, meta hija ttentat terga ggedded il-passport taghha li ser jiskadi fil-15 ta' Frar 2020, hija giet infurmata li skont ir-registrazzjonijiet ufficjali, hija ghadha registrata bl-isem "Antoinette Hulatt" u sabiex issir tali korrezzjoni, trid titressaq talba gudizzjarja (vide korrispondenza annessa bhala Dok L);

10. Illi "Antoinette Mulholland" huwa l-isem li l-esponenti tuza ghaliha nnifisha u li bih hija konsistentement maghrufa skont kif trid il-ligi;

11. Illi l-esponenti, in vista tal-fatt li hija cittadina Maltija, ghandha l-interess li d-dokumenti ufficjali taghha f'Malta jkun jirrispekkjaw dawk fir-Renju Unit.

Ghaldaqstant, l-esponenti, *ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, titlob bir-rispett illi wara d-debita

publikazzjoni tal-avviz fil-Gazetta tal-Gvern, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tordna illi "Antoinette Mulholland" huwa l-isem li l-esponenti tuza ghaliha u li bih hija konsistentement imsejha;
2. Konsegwentement, tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi kull att, certifikat jew dokument relattiv ghall-esponenti biex b'hekk l-isem "Antoinette Hulatt" ghandu jigi kancellat u jigi sostitwit b'dak "Antoinette Mulholland".

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. Illi l-esponent jirrileva li ma huwiex edott mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;

2. Illi l-esponent umilment jirrileva li mill-Att taz-Zwieg bin-numru ta' iskrizzjoni progressiv 899 tas-sena 1980, b'mod specifiku mill-addenda tal-istess Att, liema Att jinsab hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1', jidher illi l-annotazzjoni li tnizzlet mill-konvenut saret abbazi tad-digriet ta' divorzju mahrug minn Northampton County Court, gewwa Northampton l-Ingilterra. Kif jidher mill-istess digriet li qieghed jigi anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 2', ma hemm xejn imnizzel illi l-attrici rrevertiet ghal kunjom xbubitha u ghaldaqstant il-konvenut ma setghax jnizzel tali bidla minghajr awtorizzazzjoni;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jiddikjara li ma jsibx oggezzjoni ghat-talbiet attrici.

Ghaldaqstant f'tali cirkostanza ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

4. Illi finalment u dan minghajr hsara ghall-premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi fil-verbal datat 31 ta' Ottubru, 2019 ir-rikors gie differit ghallum ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti.

Rat in-nota tar-rikorrenti ntavolata nhar it-18 ta' Gunju, 2019 (fol. 27) li permezz taghha u in ottemperanza mad-digriet tat-28 ta' Mejju, 2019 iddikjarat li hija qieghda titlob korrezzjoni fic-certifikat taz-zwieg taghha bin-numru ta' iskrizzjoni 899 tas-sena 1980.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza qieghda ssir ai termini tal-Artikoli 253 *et seq* tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghtu dritt lill-persuna li tressaq talba gudizzjarja sabiex tinghata korrezzjoni fir-registrazzjoni ta' isem jew ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi r-rikorrenti Antoinette Mulholland permezz tar-rikors guramentat odjern qed titlob li ssir korrezzjoni fl-Att taz-Zwieg

taghha bin-numru ta' iskrizzjoni 899 tas-sena 1980, sabiex kunjomha jigi mibdul minn dak ta' 'Hulatt' ghal dak ta' xbubitha 'Mulholland' u dana stante li otteniet digriet ta' divorzju f'pajjiz esteru, ossia f'Northampton, Renju Unit (ara kopja tad-digriet ta' divorzju mmarkat bhala Dok C a fol. 6 sa fol. 8 tal-process) liema digriet gie annotat fl-Att taz-Zwieg 899/1980 pero' stante li d-digriet ma kien jghid xejn dwar il-kunjom tar-rikorrenti, l-ebda bdil ma sar f'dak ir-rigward.

Rat illi fir-risposta tieghu d-Direttur intimat iddikjara li ma jsib l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet attrici u rrimetta ruhu ghall-gudizzju ta' din il-Qorti;

Rat illi saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif mitluba mil-ligi u prova ta' dan giet esebita fl-atti a fol. 32 tal-process;

Rat illi fl-atti gew esebiti bosta dokumenti ufficjali, registrazzjonijiet u korrispondenza ufficjali tar-Renju Unit li juru li r-rikorrenti hija maghrufa bhala 'Antoinette Mulholland'. Fost dawn id-dokumenti ufficjali, registrazzjonijiet u korrispondenza hija pprezentat P60 End of Year Certificates ghas-snin 2004, 2013 u 2016 (a fol. 11 sa fol. 13 tal-process); Payslips mahruga mis-servizz pubbliku tar-Renju Unit tas-snin 2010, 2012, 2018 u 2019 (a fol. 14 sa fol. 17 tal-process); dokument ta' identifikazzjoni mahrug mill-HM Revenue & Customs (a fol. 18 tal-process); logbook ta' vettura mahrug mid-Driver & Vehicle Licencing Agency (a fol. 19 tal-process) u l-licenzja tas-sewqan (a fol. 20 tal-process);

Rat illi fl-atti gew esebiti wkoll dokumenti ufficjali ta' Malta li jikkonfermaw li r-rikorrenti hija maghrufa bhala 'Antoinette Mulholland'. Fost dawn id-dokumenti hija pprezentat statements ta' kontijiet bankarji tal-APS Bank Malta p.l.c. (a fol. 9 sa fol. 10 tal-

process), il-passaport Malti li nhareg nhar il-15 ta' Frar, 2010 (a fol. 21 tal-process) kif ukoll dikjarazzjoni dwar ic-cittadinanza rrilaxxjata mid-Direttur tac-Cittadinanza fit-30 ta' Gunju, 2016 (a fol. 22 tal-process);

Rat illi r-rikorrenti **Antoinette Mulholland** xehdet u kkonfermat bil-gurament taghha illi hija twieldet fil-21 ta' Awwissu, 1960 gewwa l-Imtarfa, Malta. Hija zzewget lil David Paul Hulatt gewwa Malta liema zwieg sussegwentament gie mahlul permezz ta' digriet *nisi absolute* moghti minn Northampton County Court datat 2 ta' Dicembru, 1996 u liema divorzju gie annotat fl-Att taz-Zwieg bin-numru 899/1980. Ir-rikorrenti tixhed li l-passaport Malti taghha wasal sabiex jiggedded madanakollu l-ufficju tal-passaporti gewwa Malta u l-Malta High Commission fir-Renju Unit tawha direzzjoni sabiex taghmel rikors quddiem il-Qorti u dana stante li l-passaport ma kienx ser jigi mahrug b'kunjom xbubitha u cioe' dak ta' 'Mulholland'. Hija tghid li huwa ftit stramb kif dan ma jistax isir meta hija gia kellha passaport Malti mahrug b'kunjom xbubitha (a fol. 25 tal-process).

Illi kkunsidrat li t-talba odjerna ma tistax titqies li saret konsegwenza ta' xi zball fir-registrazzjoni, pero' hija talba sabiex dak li hu essenzjalment rikonoxxut u permess mil-ligi stess fejn gie degretat id-divorzju jinghata rikonoxximent formali f'kaz ta' mara mizzewga li ottjeniet id-divorzju minn gurisdizzjoni estera.
Illi kkunsidrat li d-Direttur intimat iddikjara li ma jsibx oggezzjoni ghat-talba salv li tingieb l-ahjar prova u konsegwentement irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.
Illi *in vista* tal-provi kollha fl-atti u tas-suespost, din il-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

Stante izda li l-korrezzjoni mitluba ma tirrizultax minn xi zball da parti tad-Direttur intimat, il-Qorti taqbel li l-intimat m'ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza odjerna.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-isem u l-kunjom tar-rikorrenti huma 'Antoinette Mulholland' u tordna illi fl-Att taz-Zwieg bin-numru ta' iskrizzjoni tmien mija disgha u disghin (899) tas-sena elf disa' mija u tmenin (1980) jigi annotat illi konsegwenti ghad-divorzju datat 15 ta' Ottubru, 1996 rez finali u assolut nhar it-2 ta' Dicembru, 1996 r-rikorrenti rrivertiet ghall-kunjom xbubitha 'Mulholland';

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi kull att, certifikat jew dokumenti relattiv ghall-esponenti biex dan jirrifletti d-decizjoni ta' din il-Qorti u l-korrezzjoni ordnata permezz tal-ewwel talba suesposta.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza ghar-ragunijiet suesposti ghandhom jigu nterament sopportati mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**12 ta' Dicembru, 2019**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**12 ta' Dicembru, 2019**